QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2002**

Citazzjoni numru 29/02G1

Michael u Doris konjugi Sciberras bhala mandatarji ta' binhom minuri Christian

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fejn ippremettew illi iben l-atturi u cioe' Christian Sciberras twieled fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991) f'Victoria, Ghawdex u t-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mija u wiehed u sittin tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (161/1991) (Dok A);

Illi fl-istess att tat-twelid kunjom il-missier tat-tarbija u cioe' l-attur gie imnizzel bhala "Xiberras" u dan nonostante illi kunjomu ghandu jinkiteb "Sciberras" kif jirrizulta mill-estratt tac-certifikat tat-twelid tieghu li qed jigi hawn esebit u mmarkat bhala Dok B.

Talbu li din l-Qorti;

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u wiehed u sittin tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (161/1991) billi fil-kolonna "Isem u kunjom ta' missier it-Tarbija" il-kunjom "Xiberras" ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Sciberas".

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat ir-riferta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif ukoll ta' l-Avukat Generali bic-citazzjoni kif ukoll bl-avviz ghas-smiegh ta' din il-kawza.

Semghet lill-attur bil-gurament jikkonferma illi kunjomu dejjem kitbu bhala “Sciberras” u mhux “Xiberras”;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u tordna l-korerzzjoni fl-att tat-twelid numru mija u wiehed u sittin tas-sena elf disa’ mija wiehed u disghin (161/1991) billi fil-kolonna “Isem u kunjom ta’ missier it-Tarbija” il-kunjom “Xiberras” ghandu jigi sostitwit bil-kunjom “Sciberras”.

In vista tan-natura ta’ din il-kawza m’ghandux ikun hemm spejjez.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur